MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 289/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Attard talli:

(1) Fil-11 ta’ Gunju 1998 u fix-xhur ta’ qabel f’Malta, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor;

(2) Fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tac-chassis tal-vettura tal-ghamla ‘Ford Transit’ (numru ta’ registrazzjon D-7103), u minfloku wahhal numru tac-chassis ta’ vettura ohra tal-ghamla ‘Ford Transit’ (numru ta’ registrazzjoni J-6914);

(3) Fl-istess zmien u cirkostanzi minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta’ xi tibdil fic-chassis tal-vetturi tal-ghamla ‘Ford Transit’, liema vettura ghandhom in-numru ta’ registrazzjoni D-7103 u J-6914;

(4) Sar recidiv ai termini ta’ l-artikolu 50 u ta’ l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 15 ta’ Novembru 1993 (Awla 1) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Mark Attard sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet htija biss dwar “l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta (A.L. 128/1994)” u kkundannat lill-imsemmi Mark Attard ghal piena karcerarja ta’ sena sospiza ghal sentejn filwaqt li ma sabitx htija dwar l-imputazzjonijiet l-ohra u inoltre ordnat l-konfiska tal-vetturi esebiti bhala Dok. NC1 (numru tar-registrazzjoni D-7103) u Dok. NC2 (numru tar-registrazzjoni J-6914);

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta’ Marzu 2006 li permezz taghha, wara li osservat li l-ewwel Qorti kienet ccitat hazin l-artikolu 18 tal-Kap. 65 kif ukoll ma ghamlet ebda referenza ghal liema regolament kien applikabbli mill-Avviz legali 128/1994, annullat is-sentenza appellata u rrinvijat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex l-imsemmi Mark Attard jerga’ jitpogga fil-pozizzjoni li kien

immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Settembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 50, 189, 308, 309, 310 u 533 tal-Kap. 9, l-artikolu 18 tal-Kap. 65 u l-artikolu [***recte:*** regolament] 91 ta' l-Avviz Legali 128/1994 kif sussegwentement emendat, sabet lill-imsemmi Mark Attard hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni, minn liema imputazzjoni astjeniet li tiehu konjizzjoni stante preskrizzjoni, u kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sena, u inoltre ordnat lill-istess Mark Attard ihallas lid-Direttur tal-Qorti s-somma ta mija erbgha u disghin lira u ghaxar centezmi (Lm194.10) fi zmien xahar minn meta jigi interpellat minnu,  li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan il-ghan, u ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-konfiska taz-zewg vetturi esibiti formalment mill-Ispettur Maurice Curmi fix-xiehda tieghu nhar is-sitta w ghoxrin ta' Frar 1999 bhala dokument MC 1 u MC 2 li jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mark Attard pprezentat fit-13 ta' Settembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati jew astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri stante preskrizzjoni, u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju tibdel il-piena inflitta ghal wahda li aktar taghmel ghall-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) galadarba bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Novembru 2005 ma kinitx instabet htija dwar l-ewwel u r-

raba’ imputazzjonijiet, il-fatt li giet annullata dik is-sentenza ma setax jeffettwa dik il-liberazzjoni; (2) hija nieqsa ghal kollox kull motivazzjoni legali korretta dwar ir-reati taht l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9; (3) l-ewwel Qorti naqset li tiddefinixxi u tiddeciedi jekk l-vettura in kwistjoni kenitx vettura bil-mutur jew le; (4) il-vettura in kwistjoni ma kenitx dokument ghax ix-*chassis* ma kien qieghed jipprova xejn; (5) sar apprezament hazin tal-fatti; (6) il-konfiska ta’ oggett li mhux vettura bil-mutur mhux applikabbli; (7) anke jekk kellha tinsab xi htija, il-piena hija gravuza.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet li la l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet annullat is-sentenza appellata, kellha dritt tikkunsidra u ssib htija fuq reat li kien ghadda in gudikat. Jghid li meta jkun hemm diversi akkuzi, kull wahda minnhom titqies daqs kap ta’ akkuza separata. Fejn il-Qorti tillibera l-anqas ghandha bzonn issemmi l-artikolu tal-ligi filwaqt illi fejn issib il-htija trid issemmi l-fatt u l-artikolu tal-ligi. Meta jkun hemm appell parzjali, jekk ma jkunx hemm appell mill-Avukat Generali, anke jekk il-process jigi rimess minhabba nullita` f’dawk l-akkuzi, allura l-Qorti li lilha jsir ir-rinviju halli tezamina mill-gdid ma tistax tidhol fl-akkuzi li minnhom persuna tkun giet illiberata. Jghid li jekk wiehed jara s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell u jara wkoll l-artikolu 382 tal-Kap. 9, malajr jinduna li kollox jorbot ma’ fejn tinsab il-htija “ta’ reat”. Peress illi fuq l-ewwel imputazzjoni kien gie lliberat, l-appellant isostni li jibqa’ hekk illiberat; hekk ukoll fir-rigward tar-recidiva.

L-abbli difensur ta’ l-appellat, Dott. Stephen Tonna Lowell, qabel mas-sottomissjonijiet ta’ l-appellant f’dar-rigward.

Din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Katya Victoria Camilleri** deciz fid-19 ta’ Ottubru 2006 kienet qalet hekk:

**“Pero` kif gie ukoll ritenut l-annullament tas-sentenza ma ghandux jikkolpixxi dawk l-imputazzjonijiet li l-akkuzat ikun gie liberat minnhom bis-sentenza**

**appellata. Li ghandu jsir f'dawn il-kazijiet hu li din il-Qorti thassar u tannulla biss parzjalment dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie misjub hati u li hija effettwata b'dawn in-nuqqasijiet procedurali u thalli mhux mittiefsa l-partijiet fejn l-appellant gie liberat, ghax altrimenti jkun ingust li l-Ewwel Qorti terga' tinvesti mill-gdid fil-mertu akkuza li l-appellanti gja` giet liberata minnha mill-Ewwel Qorti, u dan ghaliex kieku jsir hekk, ikun qieghed indirettament jigi estiz id-dritt t'appell tal-Avukat Generali bi ksur tal-artikolu 413 tal-Kap. 9 (ara App. Krim. *'Il-Pulizija vs. Charles Micallef'* [23.6.1995].”**

Huwa minnu li fis-sentenza taghha tat-2 ta' Marzu 2006 din il-Qorti diversament presjeduta ma specifikatx li kienet qed “thalli mhux mittiefsa l-partijiet fejn l-appellant gie liberat”, izda jirrizulta illi l-appell kien sar mill-istess appellant odjern Mark Attard li kien qieghed jappella mis-sejbien ta' htija taht l-artikolu 189 tal-Kap. 9 u taht il-Kap. 65. Ghalhekk, una volta annullata s-sentenza peress illi gie citat hazin l-artikolu 18 tal-Kap. 65 u peress illi ma kienx gie specifikat liema regolament taht l-Avviz Legali 128/1994 kien applikabbli, u galadarba l-Avukat Generali ma kienx appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Novembru 2005, l-ewwel Qorti ma setghetx fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Settembru 2006 tippronunzja ruhha mill-gdid dwar dawk l-imputazzjonijiet li minnhom l-appellant kien diga` gie lliberat.
Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh. Ghalhekk, u stante li l-ewwel Qorti ddikjarat it-tielet imputazzjoni preskritta, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji l-ohra in kwantu jirrigwardaw biss it-tieni imputazzjoni.

L-appellant jghid li l-ewwel Qorti dahlet biex tispjega x'inhi vettura bil-mutur u minflok intilfet fuq l-interpretazzjoni ta' “sewqan” – l-appellant ma giex akkuzat b'sewqan. Jghid li l-ewwel Qorti qalet li x'inhi vettura bil-mutur mhix definita fil-ligi izda fil-fatt din tirrizulta kemm fil-Kap. 65 kif ukoll fil-Kap. 332 u minn hemm jidher car li l-element essenzjali huwa li jkun hemm mutur li jista' jiffunzjona. F'dan il-kaz kien hemm il-parenza ta' vettura u mhux vettura bil-mutur.

Inoltre x-*chassis number* ghandu validita` meta jkun imwahhal ma' vettura bil-mutur u mhux ghall-i*scrap* imlaqqat u wweldjat flimkien halli jaghti sembjanza ta' vettura.

L-appellant jissottometti wkoll illi "dokument" jibqa' dokument sakemm bis-sahha tieghu tipprova xi haga, tkun li tkun, u meta l-utilita` probatorja tispicca, dan ma jibqax dokument. Il-perikolozita` tal-falsifikazzjoni lejn is-socjeta` huwa li dokument jittiehed bhala veru u li juri l-veru meta l-verita` tkun xort'ohra. F'dan il-kaz, la l-vettura ma kinitx aktar vettura bil-mutur, u x-*chassis number* twahhal fuq oggett li ma kienx aktar vettura bil-mutur, allura ma kienx dokument. X'vettura tal-mutur hi, jistaqsi l-appellant, din li ghandha l-magna ggamjata apposta bil-konkrit? Mela, ikompli l-appellant, x-*chassis number* ma kien qed jipprova xejn u ma kien qed jiddokumenta xejn. Fis-sentenza citata mill-ewwel Qorti, **Il-Pulizija v. Paul Galea**, intuzaw il-kliem "espressjoni ta' volonta`". Skond l-appellant hija l-volonta` tal-manifattur ta' vettura li sakemm dik il-vettura tibqa' fit-toroq bhala vettura bil-mutur, igorr dak in-numru, izda meta tispicca, dik il-volonta` m'ghadhiex hemm. L-appellant jirreferi wkoll ghan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-Ispettur Curmi fejn jaccetta li ma hemm ebda ligi li tghid x'ghandu jsir minn *chassis number* wara li tintemm il-hajja ta' karrozza; ma hemmx post fejn ghandhom jigu ritornati bhal ma jigri bil-pjanci tan-numri. L-appellant jghid li l-importanti li ma jintuzawx fuq vetturi bil-mutur ohrajn.

L-appellant jghid illi huwa ghandu delizzju li minn bicciet ta' karrozzi johloq oggetti ohra. F'dan il-kaz huwa xtara zewg vetturi *scrapped*. Wahda kienet tas-Swan Laundry li zammew il-pjanci tan-numri u, skond l-ircevuta li taw lill-appellant bieghuhielu *scrap*. Ohra xtraha *scrap* minghand Angelo Cassar u din kienet registrata hekk u ma kinitx fit-triq filwaqt li n-numri kienu ghand l-ADT. L-appellant jghid illi huwa ha partijiet minnhom it-tnejn u rama qoxra ta' vettura, il-magna mblukkata bil-konkrit, il-faccata u l-gnub kwazi jkaxkru ma' l-art b'mod li ma tistax tinsaq, l-i*steering wheel* iwweldjat u fanali parenza biss. Mill-bicciet ha *chassis number* u wahhlu fuq vettura skrappjata minn

vettura ohra skrappjata. Huwa ma kienx qed johloq vettura ohra bil-mutur. Ghalhekk, jghid l-appellant, hija importanti d-definizzjoni ta' vettura bil-mutur. L-oggett mahluq ma nstabx f'xi triq pubblika jew barra minn xi garaxx u pjanci tan-numru ma kellux. Ma kien hemm ebda hzunija jew intenzjoni ta' tqarriq da parti tieghu. Skond l-appellant, fiz-zewg vetturi x-*chassis number* gie rrilevanti ghaliex ma kienx qed jintuza fuq vettura bil-mutur li tohrog fit-triq u tista' tkun *mechanically propelled*. Jghid li la ma kienx qed jesprimi aktar il-volonta` tal-produttur, ix-*chassis number* kien sar biss bicca metall.

L-appellant ikompli jghid li l-ghamla li holoq kienet tant *out of the ordinary* li kieku kellha timxi fit-triq kienet tigbed l-attenzjoni mill-ewwel. Kieku ried iqarraq jew jahbi ma kienx johloq xi haga li tqanqal il-kurzita` tan-nies. Jghid li l-anqas ma kien hemm xi *log book* u licenzja fuq l-istess qoxra, ghax kieku l-prosekuzzjoni kien ikollha ragun.

L-appellant jirreferi wkoll ghar-rapport ta' l-espert Joseph Zammit u l-ispjegazzjonijiet li ta.

Fl-ahharnett josserva illi fil-falsifikazzjoni hemm ukoll l-aspett tal-grossolanita`. Jekk dokument ikun xi jkun jigi falsifikat b'mod grossolan, jew ma hemmx intenzjoni tal-falsifikazzjoni, id-dottrina legali tqis li ma hemmx falsifikazzjoni. Ghalhekk, jistaqsi l-appellant, *chassis number* imwahhal fuq oggett bhal dak seta' jinganna lil xi hadd li dak hu *chassis number* fuq vettura *rite et ricte*? Ix-*chassis number* gie klassifikat bhala dokument privat. Is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-22 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Patrick Spiteri** taccetta l-eccezzjoni tal-grossolanita` ghad-dokumenti privati. Fil-kaz in ezami, jikkonkludi l-appellant, dak ix-*chassis number* ma kienx intenzjonat u l-anqas seta' jinganna lil hadd li kien awtentiku.

Issa, mhuwiex kontestat li l-appellant fil-fatt qala' x-*chassis number* tal-van J-6914 li kien xtara minghand it-T.P.G. Autoparts u wahhlu fuq il-van D-7103 li kien xtara minghand is-Swan Laundry. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-appellant spjega li dan ghamlu meta l-vann li kien

qieghed jirranga ghax-*show* kien ghand l-*electrician* u "xi hadd mhux maghruf dahal u seraq il-garaxx ta' l-electrician u wara xi jumejn hu Stephen l-electrician cempilli u qalli li serqu lil Stephen u qalli li l-Pulizija damu jduru hafna mal-vann ifittxu x-*chassis number*. Peress li jien kont naf illi dak il-vann kien skreppjat u quddiem ma kellux *chassis number* u minhabba li kont hdimtu kollu jien mill-gdid, bzajt li kont ser nidhol fl-inkwiet, ghalhekk qtajt barra *chassis number* ta' vann iehor li jien kont xtrajt skreppjat u mort wahhaltu fuq dan il-vann."

Il-mistoqsija ta' din il-Qorti hija ghaliex l-appellant hass li kellu jaghmel hekk meta dak li kien qieghed johloq hu kien intiz bhala xoghol artistiku maghmul minn vetturi li huwa xtara bhala *scrap*. Difatti, bhalma taccetta l-prosekuzzjoni, m'hemm xejn fil-ligi li tghidlek x'ghandu jsir mix-*chassis number* una volta li vettura tigi skreppjata. Izda f'dan il-kaz jirrizulta li l-vetturi in kwistjoni kienu gew skreppjati? Fi kliem iehor, apparti d-dikjarazzjonijiet ta' l-appellant u tas-sidien precedenti, jirrizulta li ufficjalment il-vetturi msemmija kienu gew skreppjati? It-twegiba fil-fatt itihielna Brian Farrugia mil-*Licensing Office*[1].

Brian Farrugia xehed fis-26 ta' Frar 1999 meta qal li l-vann Ford Transit D-7103 jghajjat lil Alfred Pisani f'isem Swan Laundry and Dry Cleaning Co. Ltd., ilha tghajjat lilu mill-24 ta' Jannar 1990 u ma sarux transfers. Qal ukoll li l-vann J-6914 jghajjat lil certu Angelo Cassar u ilu jghajjat lilu mit-2 ta' Lulju 1997 izda ilu ggaraxxjat mill-15 ta' Settembru 1997. Dan ifisser li meta l-appellant akkwista z-zewg vetturi in kwistjoni u sahansitra sad-data meta kien qieghed jixhed Brian Farrugia, dawn il-vetturi kienu ghadhom mhux meqjusin bhala *scrap*. Konsegwentement ix-*chassis number* kien ghadu guridikament rilevanti. Allura meta l-appellant qala' x-*chassis number* minn fuq vann biex wahhlu fuq vann iehor, kien qieghed johloq dokument (privat) iehor. Il-fatt li dan il-vann, fil-kundizzjoni li kien bil-modifiki li huwa kien diga` ghamel u bil-magna ggammjata, ma setax jinsaq huwa ghalhekk irrilevanti. Il-hsieb ta' l-appellant meta ghamel dak li ghamel, forsi iva

[1] Ara xiehda tieghu a fol. 18 u 19 tal-process.

kif jghid hu ghax ippanikkja, izda probabbilment ghax kien jaf jew kellu hjiel li l-awtoritajiet kienu ghadhom ma gewx infurmati li l-vetturi in kwistjoni kienu gew skreppjati, kien ghalhekk unikament f'dak il-mument biex jinganna lill-Pulizija. Bl-agir tieghu b'hekk irrenda ruhu hati ta' falsifikazzjoni a tenur ta' l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Naturalment ghall-finijiet ta' piena c-cirkostanzi tal-kaz jaghmluh wiehed *de minimis*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sena u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perijodu ta' tliet xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu jhallas l-ispejjez ta' P.C. 1525 Patrick Farrugia flimkien ma' dawk ta' l-espert tekniku Joseph Zammit ammontanti ghal Lm194.10 u minflok tikkundannah ihallas biss l-ispejjez ta' l-espert tekniku Joseph Zammit, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------